MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 223/2013

**Anthony Mercieca KI Nru 536758M**

**vs**

**Guza Saliba KI Nru 346225M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ ir-Rikorrent qed jitlob li l-Intimata tigi kundannata thallsu l-*quantum* ta’ elf, disa’ mija, tmienja u sittin Ewro hamsa u tmenin centezmi (€1,968.85c) bilanc ta’ self *brevi manu* minn somma akbar mislufa fis-26 ta’ Ottubru 2001.

**Ra** li apparti nterpellazzjoni b’ittra ufficjali regolarment notifiata (Dok B *a fol* 5) tressqet ittra ufficjali *ai termini* tal-art 166A tal-Kap 12.

B’RISPOSTA ghall-AVVIZ l-Intimata qalet li t-TALBA ghandha tigi michuda billi hi qatt ma sselfet flus minghand ir-Rikorrenti u qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejniethom.

II PROVI

1. Ir-Rikorrent **<u>Anthony Mercieca</u>** qal li lill-Intimata sar jafha meta kien *nursing aid* go l-isptar San Luqa. Sabitu Rita Farrugia, bint l-Intimata u kellmitu dwar self lil ommha. Hu mar f'dar l-Intimata, 39, Pawla Hill, Pawla. Silifha (xi hdax-il sena ilu) LM1,000 li kellhom jintraddu lura LM30 fix-xahar. L-ahhar pagament regolari sar fis-16 ta' April 2002 u mbaghad waqfet u hallitlu b'bilanc ta' LM845 ghadu dovut.

2. Hu esebixxa l-karta li fuqha tnizzel is-self (ara *fol* 3) kif ukoll ir-rabta ta' hlas ta' LM30 fix-xahar. Imbaghad *a fol* 4 hemm lista ta' pagamenti. Spjega li fil-karta *a fol* 3 mhemmx il-firma tal-Intimata "ghax jiena fdajtha".

3. Fl-udjenza tat-2 ta' April 2014 saret talba ghall-hatra ta' Magistrat Supplenti u din intlaqghet u giet appuntata Dr. Maria Azzopardi. Fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2014 giet ordnata seduta tal-Magistrat Supplenti fit-18/11/2014 fin-12:30pm fid-dar tal-Intimata. Fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2014 it-TRIBUNAL irrevoka l-inkarigu tal-Magistrat Supplenti u halla l-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 2015.

4. Wara dan dahal rikors minn naha tal-Intimata. Fih intqal li sseduta tal-Magistrat Supplenti ma saritx ghal ragunijiet logistici u ntalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li l-Magistrat supplenti tinhatar mill-gdid u zzomm seduta wahda din id-darba fl-ufficcju tal-avukat tal-Intimata, 7, Cospicua Road, Pawla. B'degriet tat-13 ta' Jannar 2015 it-TRIBUNAL issospenda l-prolazjzoni tas-sentenza u ffissa "seduta <u>wahda</u>" u wara, jkunu xi jkunu c-cirkostanzi, l-inkarigu tal-Magistrat Supplenti jigi sospiz u fis-seduta li jmiss isir il-kontro-ezami tar-Rikorrent.

5. Fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2015 <u>ma deher hadd</u> u l-kawza thalliet ghall-4 ta' Marzu 215 ghal informazzjoni ulterjuri. <u>Hawn deher biss id-difensur tar-Rikorrent</u> li qal li mill-ahhar differiment ma sar xejn minn naha tal-Intimata. Hawn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL ghandu quddiemu biss, bhala prova, ix-xhieda tar-Rikorrenti u d-dokumenti minnu esebiti.

2. Fic-cirkostanzi, t-TRIBUNAL hass il-htiega li fit-taqsima precedenti ta' dina s-sentenza igib fid-dettal il-procedura segwita u c-cans li nghatat l-Intimata biex tressaq il-provi taghha. Mhux biss dan ma sarx imma, ghal ebda raguni, anqas gie kontro-ezaminat ir-Rikorrent.

3. It-TRIBUNAL iqis perswasiva x-xhieda tar-Rikorrent u jqis li l-kaz tieghu gie pruvat kif trid il-ligi.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Intimata, (2) **jilqa** t-Talba tar-Rikorrent u **jikkundanna** lill-Intimata biex thallsu l-*quantum* ta' elf, disa' mija, tmienja u sittin Ewro hamsa u tmenin centezmi (€1,968.85c) liema hlas ghandu jsir fi zmien ghaxart ijiem mil-lum u f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **tikkundanna** lill-Intimata thallas l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra mitluba

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------